**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 570/2023 GG**

**Carmelo Borg (ID nru. 338677M)**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

**U**

**L-Avukat Generali**

Illum 11 ta' Marzu, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors kostituzzjonali ta' Carmelo Borg (ID nru. 338677M) prezentat quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Novembru, 2023 li bih jallega lezjoni tal-jeddijiet kostituzzjonali tieghu u dawk konvenzjonali fit-thaddim tal-Ordni tal-Iffrizar fit-termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi fid-29 ta' Diċembru 2008 l-esponenti kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat primarjament talli nhar is-27 ta' Diċembru 2008 u l-ġranet ta' qabel assoċja ruħu ma' persuni oħra sabiex ibiegħ jew jitraffika d-droga kannabis kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta (apparti akkuża oħra ta' ksur tal-Att dwar l-immigrazzjoni Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta u akkuża dwar nuqqas ta' osservanza ta' ordinijiet leġittimi minn persuna inkarigat mis-servizz pubbliku);

2. Illi dawn il-proċeduri kriminali su riferiti, iżjed minn ħmistax (15)-il sena wara li bdew, għadhom pendenti sal-ġurnata tal-lum u jinsabu fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Dan id-dewmien fil-proċeduri huwa tort unikament tal-aġir tal-prosekuzzjoni li sal-lum għadha ma għalqitx il-provi tagħha[1].

3. Illi dakinhar stess tal-preżentata, i.e. fid-29 ta' Diċembru 2008, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat l-iffriżar tal-propjetà kollha tal-esponenti mobbli u immobli ai termini tal-artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi in oltre, l-istess ordni ta' ffriżar ġie imposta fuq il-propjetà kollha mobbli u immobbli tal-esponenti mingħajr ebda limitazzjoni;

5. Illi l-liġi kif kienet dak iż-żmien li saret it-talba mill-prosekuzzjoni għall-ordni tal-ffrizar ma kinitx tippermetti li l-

[1] Dwar id-dewmien tal-proċeduri l-esponenti bi ħsiebu jintavola kawża kostituzzjonali oħra fiż-żmien li ġej stante li huwa qed jissottometti illi dan id-dewmien irraġjonevoli jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. In oltre, ai fini ta' kjarifika u sabiex jiġi evitat kwalsiasi malintiż, l-esponenti jippuntwalizza li r-referenza għad-dewmien tal-proċeduri f'dan ir-rikors kostituzzjonali qed issir sabiex tkompli turi raġuni oħra (u mhux l-unika raġuni) kif u għaliex huwa qed ibati ksur tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu.

esponenti joġġezzjona għal tali ordni tal-iffriżar u lanqas ma seta' jressaq rikors quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jappella u/jew jitlob ir-revoka ta' tali ordni tal-iffriżar[2];

6. Illi mhux biss l-esponenti ma kellu l-ebda rimedju fil-liġi li permezz tiegħu seta' joġġezzjona, jikkontesta jew jappella t-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħruġ tal-ordni tal-ffriżar meta din saret fid-29 ta' Dicembru 2008, iżda fl-ebda ħin ieħor waqt il-proċeduri, tul dawn il-15-il sena li ilha għaddejjha l-kawża, huwa ma kellu rimedju effettiv fil-liġi biex jkun jista' jagħmel dan;

7. Illi tali sitwazzjoni għadha viġenti sal-ġurnata tal-lum;

8. Illi konsegwentament l-esponenti ilu għal iktar minn 15-il sena kolpit b'ordni ta' iffriżar fuq il-propjetà kollha tiegħu;

9. Ill l-esponenti pprova jitlob sia varjazzjoni tal-ordni tal-iffriżar, fejn talab li jkun awtorizzat ibiegħ propjetà immobli u r-rikavar mill-istess bejgħ ta' propjetà jiġi rilaxxat mill-ordni tal-iffriżar, u anke prova jikkontesta l-ordni tal-iffriżar u talab ir-revoka tal-istess. Però, apparti l-awtorizzazzjoni tat-trasferiment ta' propjetà immobbli – <u>bil-kundizzjoni li r-rikavat mill-bejgħ ta'</u>

[2] Fis-sena 2014 l-Art 22A ġie emendat bl-Att IV.2014.31 li introduċa s-sub-artikolu (7), (8) u (9) li possibilment jistgħu jagħtu lok għal rimedju ta' appell permezz ta' rikos quddiem il-Qorti Kriminali preżentat fi żmien 3 ijiem tax-xogħol minn meta jinħareġ ordni ta' ffriżar. Sa dan l-istadju li qed tiġi l-kawża kostituzzjonali hemm deċizzjonijiet diverġenti dwar dawn l-emendi. Dawn l-emendi (identiċi għall-Att III tal-2015.6) ġew addottati bħala rimedju ta' appell kontra ordni ta' iffriżar f'ċertu istanzi (vide digriet *ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Cachia et.,* mogħti mill-Qorti Kriminali fit-23 ta' Settembru 2021 u *Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Fort Farrugia u Patrick Demanuele*, mogħti mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Novemberu 2021), iżda kien hemm okkazzjonijiet fejn ġie argumentat li dawn is-sub-artikoli (7), (8) u (9) ma jagħtux rimedju ta' appell kontra l-imposizzjoni ta' ordni ta' iffriżar, u japplikaw biss għal ordni temporanja introdotta bl-istess subinċiżi (vide per eżempju sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat u l-osservazzjonijiet tal-Qorti fil-kawża ***Joseph Lebrun vs Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat***, deċiża nhar l-4 ta' Lulju 2023, GM, u ***Sebastian Dalli vs Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-30 ta' Novembru 2022).
<u>In ogni caso, però, (anke jekk wieħed jipprova jargumenta li tali emendi jagħtu lok ta' appell jew kontestazzjoni) jibqa' l-fatt li dawn l-istess emendi ma provdewx *transitory clause* sabiex dawk l-ordnijiet tal-iffriżar li kienu daħlu fis-seħħ qabel dik l-emenda, u li kienu għadhom viġenti, setgħu jiġu kontestati u/jew appellati quddiem il-Qorti Kriminali</u>. Kwindi l-istess emendi ma japplikawx għall-każ tar-rikorrenti.

tali propjetà jiġi xorta waħda kollu kemm hu koplit mill-ordni tal-iffriżar – il-bqija tat-talbiet ġew miċħuda mill-Qorti Kriminali **bir-raġuni prinċipali tkun li l-liġi ma tippermettix tali rimedju;**

10. Illi fit-8 ta' Frar 2023 l-esponenti preżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn wara li spjega kif fis-27 ta' Mejju 2013 (ħames snin wara li bdew il-proċeduri odjerni), l-esponenti kien ingħata b'titolu ta' donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu propjetà immobbli, konsistenti f'maisonette u ½ indiviż ta' garaxx ġewwa r-Rabat Malta, u dan skond kif konfermat mill-kuntratt ta' donazzjoni (li ġie anness mal-istess rikors), u wara li issottolinea wkoll kif mill-istess att ta' donazzjoni għandu jirriżulta li din il-propjetà kienet inxtrat minn missier l-esponenti Horace Borg bi sħab ma' ċertu Saviour Galea fis-sena 1971, u wara kuntratt ta' diviżjoni fis-sena 1972 tali propjetà għaddiet interament għand il-ġenituri tal-esponenti (kwindi qatt ma seta' jiġi argumentat li tali propjetà setgħet b'xi tiġbid tal-immaġinazzjoni titqies bħala xi provenjenza ta' reat – sia minħabba kif waslet għand l-esponenti kif ukoll l-fatt li waslet għandu ħames snin wara li tressaq il-Qorti u fi żmien li mhux kopert u/jew inkluż fid-data tal-akkuża), l-esponenti talab lill-Onorabbli Qorti Kriminali sabiex:

*a) tawtorizza lill-esponenti jittrasferixxi u jbiegħ il-maisonette bin-numru uffiċjali 105, qabel 87, Reyosa, first floor level, sovrapost propjetà ta' Julian u Josephine konjuġi Muscat, fi Vjal il-Ħaddiem, ġia Nigret Road, Rabat, Malta u nofs ( ½ ) indiviż tal-garaxx sitwat fil-livell bħala basement level, bin-numru uffiċjali 101, qabel 89, fi Vjal il-Ħaddiem, ġia Nigret Road, Rabat Malta, kif aħjar deskritt fil-kuntratt ta' donazzjoni ppublikat minn nutar Jean Paul Farrugia fis-27 ta' Mejju 2013, skond il-*

*konvenju u l-estensjoni relattiva tal-istess konvenju bejn Carmelo Borg u Julian u Josephine konjuġi Muscat datat 2 ta' Frar 2023; u*

*b) tordna li r-rikavat mill-bejgħ tal-propjetà supra deskritta ma jiġix milqut mill-istess ordni tal-iffriżar.*

11. Illi l-Avukat Ġenerali preżenta risposta fit-13 ta' Frar 2023 għal tali rikors, fejn filwaqt li ma oġġezzjonax għall-ewwel talba purchè jiġu imposti numru ta' kundizzjonijiet, oġġezzjona għat-tieni talba stante li tali ordni tal-iffriżar jolqot il-propjetà kollha mingħajr ebda distinzjoni dwar jekk hijiex rikavat minn attività kriminali jew le. L-istess Avukat Ġenerali fir-risposta żied ukoll li l-prova li xi propjetà ma tkunx ġejja minn attività kriminali tista' ssir biss quddiem il-Qorti Ċivili u wara li l-proċeduri kriminali ikunu ġew deċiżi definittivament;

12. Illi b'digriet tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Marzu 2023 il-Qorti Kriminali laqgħet l-ewwel talba bil-kundizzjoni *inter alia* illi r-rikavat tal-bejgħ mill-propjetà jiġi depożitat permezz ta' ċedola taħt l-Awtorità tal-Qorti jew f'kont bankarju lokali tal-esponenti li huwa wkoll milqut mill-Ordni tal-iffriżar sabiex b'hekk l-istess rikavar ikun ukoll milqut mill-istess ordni, iżda ċaħdet it-tieni talba filwaqt li rrilevat:

*"li wasal iż-żmien sabiex isiru tibdiliet fil-liġi dwar l-Ordni ta' Freezing Order, bil-għan li talbiet simili jkunu jistgħu jiġu akkordati mingħajr dewmien u għalhekk tordna komunika lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja".*

13. Illi b'rikors ieħor tal-11 ta' Settembru 2023 l-esponenti talab lill-Qorti Kriminali sabiex:

*a) tirrevoka in toto l-ordni tal-iffriżar fuq il-propjetà kollha tal-esponenti datata 29 ta' Diċembru 2008; jew*

*b) subordinatament, f'każ li din l-ewwel talba tiġi miċħuda, (tenut kont li mid-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors datat 8 ta' Frar 2023 jirriżulta b'mod ampju u inkontestat il-provenjenza leċita tal-propjetà li l-esponenti), illi tvarja l-ordni tal-iffriżar imposta fuq l-propjetà, u tordna illi r-rikavat mill-bejgħ ġia debitament awtoriżżat tal-maisonette bin-numru uffiċjali 105, qabel 87, Reyosa, first floor level, sovrapost propjetà ta' Julian u Josephine konjuġi Muscat, fi Vjal il-Ħaddiem, ġia Nigret Road, Rabat, Malta u nofs ( ½ ) indiviż tal-garaxx sitwat fil-livell bħala basement level, bin-numru uffiċjali 101, qabel 89, fi Vjal il-Ħaddiem, ġia Nigret Road, Rabat Malta, kif aħjar deskritt fil-kuntratt ta' donazzjoni ppublikat minn nutar Jean Paul Farrugia fis-27 ta' Mejju 2013, skond il-konvenju u l-estensjoni relattiva tal-istess konvenju bejn Carmelo Borg u Julian u Josephine konjuġi Muscat datat 2 ta' Frar 2023, ma jiġix kolpit mill-ordni tal-iffriżar;*

14. Illi fir-risposta tiegħu tat-12 ta' Settembru 2023 l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għaż-żewġt talbiet tal-esponenti. Fir-rigward tal-ewwel talba oppona a bazi tal-fatt li l-liġi viġenti tistipula li l-ordni tal-iffriżar għandu jibqa' fis-seħħ sakemm il-proċeduri ikunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużżiv, u f'każ li tinstab ħtija sakemm is-sentenza tiġi esegwita. U fir-rigward tat-tieni talba huwa rreġistra l-istess oġġezzjoni li kien ressaq fir-risposta tiegħu tat-13 ta' Frar 2023;

15. Illi b'digriet tat-13 ta' Settembru 2023 il-Qorti Kriminali caħdet iż-żewġt talbiet kontenuti fir-rikors "*minħabba r-raġunijiet imsemmija mill-Avukat Ġenerali*".

16. Illi sussegwentament, fit-8 ta' Novembru 2023, fl-atti tan-nutar Lisa Schembri, l-esponenti biegħ il-maisonette u n-nofs indiviz tal-garaxx skond kif awtorizzat u strettament taħt il-kundizzjonijiet tal-Qorti Kriminali, b'dan li l-flejjes mill-bejgħ tal-istess propjetà immobbli illum il-ġurnata jinsabu friżati depożitati ġewwa kont bankarju tal-esponenti milqut mill-ordni tal-ifriżar.

**KSUR TAL-ARTIKOLU 37 TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA U KSUR TAL-ARTIKOLU 1 TAL-EWWEL PROTOKOL TAL-KONVENZJONI EWROPEA KIF RIPRODOTT FL-EWWEL SKEDA TAL-KAP 319 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA**

17. Illi tenut kont dak supra elenkat, l-esponenti qiegħed jissottometti illi ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, b'mod partikolari l-fatt li huwa ma għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-ordni tal-iffriżar, impost fuq il-propjetà kollha tiegħu sa mill-2008, abbinat mad-dewmien taż-żmien fil-kawża kriminali li fiha ġie impost l-ordni tal-iffriżar, qiegħed jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għall-protezzjoni ta' propjetà skond kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll jilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. Illi jiġi rilevat li l-awtorizzazzjoni mill-Qorti Kriminali għat-trasferiment tal-propjetà supra indikata ma offriet l-ebda rimedju effettiv għaliex il-kundizzjonijiet li ġew imposti ma' tali trasferiment xorta waħda ikomplu iċaħħdu b'mod assolut lill-

esponenti fit-tgawdija tal-propjetà tiegħu, b'dan li r-rikorrenti ma jistax jikkonsma u/jew jiddisponi minn tali flejjes liberament.

19. Infatti, filwaqt li t-trasferiment tal-propjetà in kwistjoni sar nhar it-8 ta' Novembru 2023, l-esponenti ma huwa qed igawdi mill-ebda rikavar minn tali bejgħ stante li skond il-kundizzjonijiet fid-digriet tal-Qorti Kriminali, l-flejjes kollha derivanti minn dan il-bejgħ ġew depożitati f'kont bankarju tar-rikorrenti u milquta wkoll mill-ordni tal-iffriżar.

20. Dan it-tfixkil huwa iktar serju, inġust u abbużiv meta wieħed iqis li bid-dokumentazzjoni kollha li preżenta r-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali mar-rikorsi rilevanti huwa wera biċ-ċar li l-propjetà ma hijiex derivanti mill-ebda attività illegali:

✓ minħabba li hemm provi dokumentati tal-leġittimità tal-propjetà li jmorru lura sal-1971; u

✓ id-data ta' meta tali propjetà ġiet donata lill-esponenti mill-ġenituri tiegħu hija kompletament barra mill-parametri tal-akkuża li wasslet għall-ordni tal-iffriżar[3].

21. Illi apparti l-kwistjoni dwar it-trasferiment tal-propjetà immobbli u ċ-ċaħda effettiva tat-tgawdija tar-rikavar mill-istess, fil-każ odjern, tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, bir-rispett, bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li jeżisti bilanċ u proporzjonalità li jitkellmu dwarhom d-dritt kostituzzjonali u dak konvenzjonali bejn l-għan leġittimu u l-iskop ta' ordni tal-iffriżar rikjesta, u l-privazzjoni ta' persuna għall-jedd tat-tgawdija paċifika tal-propjetà. Dan qed jingħad għal numru ta'

[3] L-akkuża titratta is-27 ta' Diċembru 2008 u l-ġranet ta' qabel filwaqt li d-donazzjoni saret fis-sena 2013.

raġunijiet li ser jiġu ppruvati waqt is-smigħ ta' din l-kawża fosthom u mhux limitatament stante:

a) Il-fatt li l-ordni tal-iffriżar ilu impost fuq il-propjetà tal-esponenti għal ħmistax-il (15) sena;

b) Il-proċeduri kriminali li fihom ġiet imposta l-ordni tal-iffriżar mhux biss ilhom pendenti għal 15-il sena, iżda għadhom fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Dan kollu unikament frott ta' dewmien esaġerat u irraġjonevoli da parti tal-prosekuzzjoni u mingħajr ebda tort kwalsiasi attribwibbli lill-esponenti, fejn f'dawn l-aħħar snin ma kien hemm l-ebda żvilupp fil-provi kwalsiasi ħlief differimenti da parti tal-prosekuzzjoni. Konsegwentament, tali ordni tal-iffriżar indubbjament lanqas ma tista' tibqa' tissejjaħ bħala miżura temporanja;

c) Tali ordni tal-iffriżar huwa impost fuq il-propjetà <u>kollha</u> tal-esponenti:

- mingħajr ebda distinzjoni bejn propjetà li ġiet akkwistata qabel jew wara d-data tal-allegat reat li bih l-esponenti jinsab mixli, u mingħajr ebda kunsiderazzjoni dwar il-provenjenza leċita tal-propjetà;
- strettament mingħajr preġudizzju għall-innoċenza tal-esponenti, mingħajr ebda ammont kwantifikat ta' kemm il-prosekuzzjoni qed tallega li huwa allegatament ammont derivanti minn attività illegali;
- u di più, u għal darb'oħra strettament mingħajr preġudizzju għall-innoċenza tal-esponenti, f'dan il-każ partikolari mingħajr ebda kosiderazzjoni lejn il-fatti speċi ta' dan il-każ, fejn:

o l-allegata "droga" mertu tar-reat tal-assoċjazzjoni irriżulta mill-espert tal-Qorti li ma hija droga xejn u ma hijiex sustanza illeċita,

o l-allegata "droga" *in ogni caso* ġiet interċettata mill-pulizija mad-daħla tagħha f'Malta u kwindi ma nbiegħetx u ma seħħ l-ebda profitt kwalsiasi.

d) Il-liġi applikabbli ma tagħti l-ebda rimedju kwalsiasi għall-kontestazzjoni ta' tali ordni stante li, (kif ammetta l-Avukat Ġenerali stess, u kif degretat mill-Qorti Kriminali darbtejn fil-proċeduri kriminali kontra l-esponenti), il-liġi ma tipprovdi l-ebda rimedju ta' appell, reviżjoni u jew varjazzjoni effettiva. Anzi l-istess liġi tiddetta li *"l-Ordni [tal-iffriżar] jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni"*.

22. Illi indubbjament tali ċirkostanzi qed ifissru effettivament imposizzjoni ta' miżura drakonjana estrema li pparalizzat ħajjet l-imputat mill-lat finanzjarju u ta' tgawdija tal-propjetà tiegħu, u ppreġudikat b'mod irrimedjabbli lill-esponenti, fejn ukoll, minħabba l-ordni tal-iffriżar l-esponenti:

- ma jista' qatt javvanza finanzjarjament f'ħajtu;
- ma jista' jagħmel l-ebda investiment finanzjarju għaliex ser isib kull bieb magħluq; u
- ma jistax jieħu l-ebda self mal-bank jew xi istituzzjoni finanzjarja oħra.

Dan kollu kif rikonoxxut fil-kawża ***Yassin Abdullah Kadi v. European Commission***[4] deċiża fit-30 ta' Settembru 2010 fejn il-Qorti għarfet li imposizzjoni ta' ordni ta' friżar b'mod indefinit għal perjodu ta' 10 snin jaf ikollha effett devastanti sia fuq il-persuna kif ukoll fuq il-familjari tiegħu[5] u rriteniet li:

*"In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one."*[6]

23. Illi apparti minn hekk, tali ordni tal-iffriżar qed taffetwa wkoll id-dritt tiegħu li jieħu ħsieb il-familja tiegħu u d-dritt tal-partner tiegħu li tieħu trattament mediku.

24. Illi infatti jiġi rilevat li kif ser jiġi muri waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors l-partner tal-esponenti qed tbati mill-marda qerrieda tal-kanċer, u l-istess marda waslet fi stadju fejn lokalment ma tista' tingħata l-ebda kura ulterjuri ħlief kura paljavattiva. Madanakollu l-esponenti u l-partner tiegħu sabu possibilità ta' trattament u kura barra minn Malta, li jiswa' ħafna flus, u filwaqt li jixtiequ illi jieħdu din il-possibilità bil-għan li l-ħajja tal-partner titwal kemm jista' jkun, f'dan l-istadju però, għalkemm l-esponenti għandu il-mezzi finanzjarji biex iħallas għall-istess kura ta' martu[7], huwa ma jistax jagħmel dan stante li l-flejjes tiegħu huma milquta mill-ordni tal-iffriżar!

---

[4] Case T-85/09

[5] *Multo magis* 15-il sena bħal fil-każ de quo!

[6] Kwotata wkoll fil-kawża Sebastian Dalli vs Avukat tal-Istat et.

[7] I.e. r-rikavat mill-bejgħ tal-propjetà indikata fiż-żewġt rikorsi indikati li jinsab depożitat f'kont bankarju milqtu bl-ordni tal-iffriżar, u liema propjetà kienet ingħatat lill-esponenti b'donazzjoni mill-ġenituri tiegħu 5 snin wara li bdew il-proċeduri kriminali (u kwindi żgur ma tistax titqies li għandha x'taqsam bl-ebda mod mar-reat mertu tal-proċeduri kriminali datati 27 ta' Diċembru 2008 u l-ġranet ta' qabel!)

25. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha qed iwasslu għal indħil esaġeratissimu u preġudizzju serjissmu naxxenti minn sproporzjonalità traġika bejn l-għan leġittimu wara il-ħruġ ta' ordni tal-iffriżar u l-jedd tat-tgawdija paċifika tal-propjetà tal-esponenti u l-jedd li jiddisponi mill-istess propjetà kif irid.

26. Illi in oltre, fil-każ partikolari tali miżura estrema qed taffetwa wkoll negattivamament u b'mod fatali lill-partner tiegħu, in kwantu stante l-ordni tal-iffriżar huwa ma jistax jiddisponi mill-propjetà tiegħu kif irid biex ikun jista' jħallas għall-kura medika barra minn Malta tal-partner tiegħu.

U tenut kont l-istat avvanzat tal-marda tagħha, jekk jistenna sa x'ħin jinqatgħu l-proċeduri kriminali biex jitneħħa l-ordni tal-iffriżar, realistikament jaf ikun tard wisq u għalxejn.

27. Illi mill-premessi digrieti, li qed jiddikjaraw li l-liġi ma tagħtih l-ebda rimedju biex jikkontesta l-ħruġ tal-ordni tal-iffriżar, u/jew biex jordna l-kanċellament ta' tali ordni, u/jew biex ivarja <u>b'mod effettiv</u> l-istess ordni, flimkien mat-trapass taż-żmien esaġerattissimu, jidher biċ-ċar li l-esponenti inkisirlu l-jedd fundamentali tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu, kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll jilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

28. Illi dwar il-jedd li individwu jiddisponi mill-propjetà tiegħu kif irid, u l-applikabilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għall-ordni tal-iffriżar, issir referenza għall-kawża ***George Tabone et vs Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 ta' Ottubru 2018, fejn ġie deċiż li:

*"L-art. 37 iħares mhux biss kontra "deprivazzjoni totali" tal-proprjetà iżda kontra t-teħid ta' kull interess fi jew dritt fuq il-proprjetà. Il-ius abutendi – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-art. 37."*

Tali raġunament ġie sussegwentament riaffermat iktar riċenti fil-kawża fl-ismijiet ***Sebastian Dalli vs Avukat tal-Istat et.***, deċiża fit-30 ta' Novembru 2022 mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn il-Qorti abbraċċjat tali insenjament u qalet b'mod ċar u tond li

*"din il-Qorti diġà sabet saħansitra li anke l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli meta jsir ilment dwar Ordni ta' Iffriżar tal-assi tal-akkużat għaliex "[i]l-ius abutendi – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' Rik. Kost. 370/21/1 Paġna 23 minn 34 interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-Art. 37."*

29. Illi dwar l-applikabilità tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol fil-kuntest tal-iffriżar tal-assi ta' imputat pendenti l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, fl-istess proċeduri su riferiti ***Sebastian Dalli vs Avukat tal-Istat et.***, il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat l-applikabilità tal-istess artikolu 1 u kwotat b'approvazzjoni is-sentenza **Dzinic v Croatia** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar is-17 ta' Awwissu 2016 fejn ġie ritenut li:

*"…the seizure of property for legal proceedings normally relates to the control of the use of property, which falls within the ambit of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention."*

*30.* Illi dwar imbagħad ir-relazzjoni bejn l-imposizzjoni tal-ordni tal-iffriżar pendenti l-proċeduri kriminali u l-protezzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Paulet vs United Kingdom*** deċiża nhar it-13 ta' Mejju 2014[8] fejn il-Qorti saħqet dwar l-importanza li jkun hemm bilanċ u proporzjonalità bejn l-interess ġenerali u l-protezzjoni tad-dritt fundamentali tal-individwu għat-tgawdija tal-propjetà tiegħu:

*"64. It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article 1 of Protocol No. 1. Moreover, it is clear from Phillips v. the United Kingdom, no. 41087/98, § 51, ECHR 2001-VII, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and <u>there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised</u> (see, among many examples, Allan Jacobsson v. Sweden (no. 1), judgment of 25 October 1989, Series A no. 163, p. 17, § 55).*

[8] 6219/08

*65. <u>An interference with Article 1 of Protocol No. 1 will be disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden", such that "the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interest" is upset</u> (see Sporrong and Lönnroth v. Sweden, cited above, §73). The striking of a fair balance depends on many factors (AGOSI v. the United Kingdom, 24 October 1986, § 54, Series A no. 108). Although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity for putting his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (AGOSI, cited above, § 55, and Jokela v. Finland, no. 28856/95, § 55, ECHR 2002-IV)."*

31. Illi fl-aħħar lok, l-esponenti jagħmel ampja referenza għall-kawza fl-ismijiet ***Sebastian Dalli vs Avukat Ġenerali et.***, su riferita, fejn il-fatti f'dik il-kawża huma prattikament identiċi għall-każ odjern tenut kont li Sebastian Dalli huwa ko-akkużat (fi proċeduri separati) fl-istess każ mertu tal-proċeduri kriminali kontra l-esponenti. F'dawn il-proċeduri, wara rassejna tal-ġurisprurdenza in materja, l-Qorti Kostituzzjonali iddikjarat *inter alia* li r-rikorrenti sofra leżjoni tal-artikolu 11 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u apparti li llikwidat id-danni, irrevokat ukoll l-ordni tal-iffriżar.

32. Għaldaqstant, abbraċjati l-insenjamenti kollha f'dik il-kawża kostituzzjonali u ġurisprudenza oħra lokali u Ewropea, l-esponenti umilment jirrileva bir-rispett illi fil-każ odjern għandu jirriżulta

wkoll leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif elenkati u għandu jingħata rimedju effettiv li jirrispekkja l-ksur soffert.

33. Illi għalhekk qegħda issir din il-kawża.

34. Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha hawn fuq dikjarati.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn fuq esposti, u fid-dawl tal-provi li ser jitressqu iktar il-quddiem waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara li l-esponenti Carmelo Borg, sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara li l-esponenti Carmelo Borg, sofra leżjoni tad-dritt sanċit fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, inkluż iżda mhux limitatament tal-jedd li jikkonsma u jiddisponi mill-propjetà tiegħu;

iii. Tannulla u tirrevoka l-Ordni tal-Iffriżar imposta fuq l-propjetà kollha tal-esponenti, liema ordni tal-iffriżar ġiet imposta nhar id-29 ta' Diċembru 2008 fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija (Supt. J Fenech) vs Rupert Busuttil et.*;

iv. Strettament mingħajr preġudizzju għat-tielet talba, subordinatament, f'każ li t-tielet talba tiġi miċħuda, tordna li r-rikavar kollu mill-bejgħ tal-propjetà tal-maisonette bin-numru uffiċjali 105, qabel 87, Reyosa, first floor level, sovrapost propjetà ta' Julian u Josephine konjuġi Muscat, fi Vjal il-Ħaddiem, ġia Nigret Road, Rabat, Malta u nofs ( ½ ) indiviż tal-garaxx sitwat fil-livell bħala basement level, bin-numru uffiċjali 101, qabel 89, fi Vjal il-Ħaddiem, ġia Nigret Road, Rabat Malta, kif aħjar deskritt fil-kuntratt ta' donazzjoni ppublikat minn nutar Jean Paul Farrugia fis-27 ta' Mejju 2013, liema trasferiment sar nhar it-8 ta' Novembru 2023, fl-atti tan-nutar Liza Schembri, jiġi meħlus mill-ordni tal-iffriżar u liberament żbankabbli mir-rikorrenti;

v. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

vi. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

vii. Strettament mingħajr preġudizzju dwar it-tielet talba, f'każ li t-tielet talba ma tintlaqax, tordna li kwalsiasi danni likwidati li l-intimati jew min minnhom jiġu ordnati li jħallsu lill-esponenti ma jiġux milquta mill-ordni tal-iffriżar;

viii. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li hija tħoss li huma xierqa u neċessarji sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Generali ppreżentata quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Jannar, 2024;

1. Illi preliminarjament in kwantu dak li qiegħed jigi attakkat hija essenzjalment ordni maħruga minn Qorti u liġi, l-esponenti Avukat Ġenerali teċepixxi li ma hijiex il-leġittima kontraditriċi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrenti u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi fil-mertu u bla ħsara għas-suespost, jiġi eċċepit li l-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;

3. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta tlett rimedji separati għal ċirkostanzi differenti li jistgħu javveraw rwieħhom matul proċess kriminali: l-Artikolu 22A(1) jipprospetta żewġ rimedji u ċioe (a) il-ħlas ta' kredituri *bona fide* li kellhom krediti mal-akkużat qabel il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar u (b) it-trasferiment ta' mobbli u immobbli għal raġuni tajba. Hemm ukoll ir-rimedju ġenerali prospettat fis-subartikolu (3). Dan premess, ir-rikorrenti għandu juri li utilizza dawn ir-rimedji u konkretament juri kif dawn ir-rimedji ma kienux effettivi għall-għanijiet tiegħu;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu fit-talbiet qiegħda ssir referenza għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti iwieġbu li dan l-Artikolu ma japplikax u dan peress li sabiex japplika dan l-Artikolu, irid ikun hemm teħid totali mingħajr kumpens. F'każ ta' ffriżar u qbid ta' assi hemm biss kontroll ta' użu ta' proprjeta` mhux teħid. Illi anke jekk għal grazzja tal-argument, din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeċiedi li dan l-Artikolu huwa applikabbli, xorta waħda ma hemmx ksur ta' dan l-Artikolu u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'din ir-risposta;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn qiegħda tiġi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċepixxu illi dan l-artikolu Konvenzjonali jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Ċertament li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku. Skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xieraq, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Din il-miżura hija għalhekk għal kollox neċessarja għaliex ir-reati li bihom ir-rikorrenti huwa mixli u ċioe' dwar traffikar ta' droga u reati relatati huma reati serji. Tali miżura hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew egħmil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għal benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti ifakkru li r-rikorrenti ġie akkużat b'reat serju ta' traffikar ta' droga u reati relatati. L-Ordni ta` iffriżar u qbid tal-assi hi miżura proviżorja ta` kontroll ta` proprjeta` sabiex tiżgura li proprjeta` li ġiet akkwistata b`attivita` illeċita li tkun twettqet b`detriment għall-komunita`, f`każ ta` sejbin ta` ħtija tkun tista' tiġi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jieħux benefiċċju minn tali attivita` illeċita. L-Ordni ta' ffriżar u qbid tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċizjoni ikkunisdrata bħala *res judicata*;

7. Illi bla ħsara għas-suespost, u b'żieda ma dak sueċċepit, ordni ta' ffriżar hi għodda tal-Prosekuzzjoni li sservi żewġ (2) għanijiet. <u>L-ewwel għan</u> huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ, l-assi kollha tal-persuna

milquta huma sekwestrati u ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar; kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija bit-traffikar ta' droga, hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġi żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx aktar jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-illegalitajiet li tkun wettqet. It-tieni għan ta' ordni ta' ffriżar huwa sabiex jiġi żgurat li fl-eventwalità li tinstab ħtija, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għall-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:

a. Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;

b. L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu;

c. Il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

9. Illi bla ħsara għas-suespost, fil-każ odjern ma hemm ebda dubju li l-ordni ta' iffriżar inħarġet taħt qafas legali u li hija fl-interess ġenerali ossia, il-ġlieda kontra reati ta' droga. In kwantu għall-proporzjonalità, ir-rikorrenti għandu diversi rimedji għad-dispożizzjoni tiegħu. Fis-sentenza ta' ***Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali***[9], din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat:

> *"Illi jrid jingħad li l-artikolu 22A tal-Ordinanza jagħti lill-parti milquta minn Ordni ta' sekwestru jew iffriżar tal-ġid tiegħu rimedji li bihom tista' titlob lil qorti biex tħalliha tittrasferixxi ġid mobbli jew immobbli maqbud b'ordni bħal dak. Dak ir-rimedju jgħodd ukoll meta l-persuna tkun għadha għaddejja minn proċeduri kriminali u ma tkunx għadha ngħatat sentenza dwar il-ħtija tax-xiljiet li jkunu sarulha. Minħabba f'hekk, jidher li din il-possibilità toħloq l-element ta' proporzjonalità bejn l-*

[9] Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

*interessi tal-ġustizzja u dak pubbliku in ġenerali u l-interessi tal-persuna mixlija li ħwejjiġha jkunu l-oġġett ta' ordni bħal dak."*

10. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Ordni ta' ffriżar u qbid in diżamina ħarġet skont id-disposizzjonijiet tal-liġi u għal għan leġittimu li hija l-protezzjoni tas-soċjeta' in ġenerali. Illi r-rikorrenti m'huwiex qiegħed isofri piż eċċessiv u sproporzjonat u dan anke tenut kont tal-ħsara li l-attivita' kriminali in kwistjoni tagħmel lis-soċjeta', l-interess ġenerali għandu jipprevali fuq dak tar-rikorrenti li jiddisponi u/jew jagħmel użu mill-assi tiegħu;

11. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qiegħed jagħmel referenza li l-proċeduri ilhom pendenti, huwa stess jisħaq li bi ħsiebu jintavola kawża kostituzzjonali oħra fi żmien li ġej u għalhekk l-esponenti m'humiex ser jidħlu fuq dan il-punt fil-kawża odjerna iżda fl-eventwalita li din il-kawża tiġi intavolata, jindirizzaw din l-allegazzjoni fl-istess kawża. Biss pero, l-esponenti jisħqu illi l-fatt li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti ilhom għaddejjin, dan ma jwassalx għal xi illegalita' fl-Ordni maħruġ jew li jxejnu s-siewi li kellu meta nħareġ;

12. Illi stante li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

13. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ssib ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni tkun suffiċenti u ma hemmx lok għal għoti ta' kumpens u danni;

14. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu:

- It-tielet talba u ċioe' fejn din l-Onorabbli Qorti intalbet sabiex tannulla u tirrevoka l-Ordni ta' ffriżar mertu tal-proċeduri kriminali; u
- Ir-raba' talba u ċioe li f'każ li t-tielet talba tiġi miċħuda tordna r-rikavar kollu mill-bejgħ tal-propjeta' in kwistjoni li tinsab ir-Rabat, Malta jiġi meħlus mill-ordni tal-iffriżar u liberament żbankabbli mir-rikorrenti;

L-esponenti iwieġbu li dawn it-talbiet huma infondati u għandhom jiġu miċħuda. F'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li tilqa' waħda min dawn it-talbiet, dan ikun qiegħed ixekkel l-għanijiet li għalihom inħarġet l-Ordni ta' ffriżar u qbid;

15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Ikkunsidrat:

**Dahla:**

1. Dan huwa lment ta' natura kostituzzjonali dwar l-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta u t-thaddim tieghu mertu ta' digriet, ossia ordni, tal-Magistrat Istruttur li bih kienu u ghadhom ffrizati l-assi kollha mobbli u immobbli tar-rikorrenti wara li tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja lura fis-sena 2008. Il-kawza kontra r-rikorrenti ghadha pendenti u ghad illi l-ilment odjern ma jirrigwardax id-dewmien tal-proceduri, huwa jallega li qed isofri mill-effett tal-ligi u konsegwenzjali ordni sproporzjonata meta l-assi tieghu huma kollha iffrizati sahansitra dawk provenjenti minn donazzjoni ta' immobbli mill-genituri tieghu li kienu minnhom akkwistati ferm qabel qatt kien imputat bil-fatti li taw lok ghall-proceduri kriminali kontra tieghu u meta mhux mixli b'imputazzjonijiet li jmorru lura ghal dak iz-zmien. Inolte, jallega illi dawk l-assi ma ghandhom ebda konnessjoni mal-allegati reati u ma jistghux jitqiesu bhala provenjenti minn xi attivita' illecita. Il-Qorti kienet awtorizzat il-bejgh ta' dawn l-assi mmobbli b'dan illi r-rikavat ikun depozitat f'kont bankarju u minnufih iffrizati flimkien mal-assi l-ohra. Dan, skond ir-rikorrenti, jilledi l-jeddijiet kostittuzjonali u konvenzjonali tieghu kif ser ikun mistharreg hawn isfel;

**Provi**:

2. Ir-rikorrenti ressaq bhala prova principali kopja tal-atti processwali fil-kumpilazzjoni Il-Pulizija vs Marvin Debono et (Kaz Nru 1287/2008) u bhala xhieda, lir-Registratur Qrati Kriminali u Tribunali[10]; Nutar Jean Paul Farruga[11]; Nutar Lisa Schembri[12]; l-Avukat Dottor Lennox Vella[13]; Supretendent tal-Pulizija Johan J. Fenech[14]; Judith Borg; Konsulent Kirurgu Kristel Marie von Brockdorff[15] u lilu nniffsu[16];

**Il-Provvediment tal-Ligi in kwistjoni:**

3. Il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif vigenti fiz-zmien meta nghata d-digriet mertu tal-kawza odjerna jipprovdi hekk:

> **22A. (1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt issubartikolu (1)(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –**
>
> **(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali lflejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u**
>
> **(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:**
>
> **Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-**

[10] Fol 37a u 529
[11] Fol 27
[12] Fol 418
[13] Fol 428
[14] Fol 431, 443g u 518
[15] Fol 443a
[16] Fol 445 u 522 ( ara ukoll nota a fol 571

**ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:**

**Iżda wkoll l-qorti tista' barra minn dan –**

**(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu millakkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u**

**(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.**

**(2) Dak l-ordni għandu –**

**(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat 20 [KAP. 101. MEDIĊINI PERIKOLUŻI mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u**

**(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.**

**(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.**

**(4) Kull ordni bħal dak għandu jkun fih l-isem u l-kunjom talakkużat, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, isem missieru, isem ommu u kunjom ta' xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u n-numru tal-karta tal-identità tiegħu.**

**(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħ ħ dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.**

**(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fissubartikolu (2)(b) ta r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-Ordni.**

4. Il-provvediment tal-Qorti Istruttorja[17] moghti fl-udjenza tad-29 ta' Dicembru, 2009 meta r-rikorrent tressaq bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja flimkien ma terzi:

**B'referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni dedotta fl-akkuza biex jigu sekwestrati f'idejn terzi l-proprjetajiet mobbli jew immobbli ta' l-imputat kif ukoll biex jigu projbiti lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort ohra jiddisponi mill-propjeta' taghhom; il-Qorti tilqa' t-talba u tinnomina lil Av. Dr. anthony Cutajar LL.D. biex jaghmel inventarju tal-proprjeta' ta' kull wiehed mill-imputati**

**Il-Qorti tordna wkoll li dan il-verbal u digriet jigu komunikati lir-registratur biex jipprocedi ghall-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern ai termini tal-ligi.**

**Ikkunsidrat ukoll:**

5. Illi mill-fatti migjuba a konjizzjoni ta' din il-qorti, jemergi illi r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja fid-<u>29 ta' Dicembru 2008</u> flimkien ma' terzi sabiex iwiegbu ghall-diversi imputazzjonijiet b'dik principali fosthom tal-assocjazzjoni ma' xi persuni f'Malta jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jitraffikaw medicna kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew li ippromovew, ikkostitwiwew jew organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni. Fix-xilja tal-imputati, allura fosthom ir-rikorrenti, l-Prosekuzzjoni talbet l-iffrizar tal-hwejjeg mobbli u immobbli taghhom fit-termini tal-artikolu 22A tal-Ordinanza <u>kif ukoll</u> fit-termini tal-artikolu 23A tal-

[17] Fol 7 u 8 tal-atti processwali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Rupert Buzuttil et – Fol 50 u 51 ta' dawn l-atti.

Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti Istruttorja ghaddiet biex laqghet it-talba u harget l-ordni fuq riprodotta;

6. Illi din il-kawza ghaddiet mill-istadju tal-istruttorja u tinsab pendenti quddiem il-Qorti Kriminali b'dan illi l-qorti mhix ser tinoltra fir-ragunijiet ghaliex il-proceduri ghadhom mhux konkluzi stante li dan ma jinkwadrax fil-mertu devolut quddiemha, jew fi kliem iehor, ma saret ebda talba fir-rigward. Lanqas mhu ser ikun kunsidrat il-fatt illi meta l-Qorti Istruttorja laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni ghamlet hekk sia fit-termini tal-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 <u>kif ukoll</u> fit-termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, u dan ghaliex il-lanjanza mressqa mir-rikorrenti tinkwadra biss l-allegata lezjoni tal-jeddijiet tar-rikorrenti kwantu l-Kapitolu 101 u t-thaddim tieghu mill-Magistrat Istruttur;

7. Tajjeb li jkun osservat ukoll f'dan l-istadju, illi r-rikorrenti ressaq bhala fatt il-kundizzjoni medika serja ta' martu u li ghandu bzonn il-mezzi sabiex jikseb il-kura mehtiega ghaliha ghaliex tali kura, ossia wahda mill-alternattivi ta' kura verament gholja ma tistax tkun sopportata mill-sistema nazzjonali ta' kura medika. Minkejja dan l-incident verament sfortunat fejn il-kura li tehtieg mart ir-rikorrenti tiswa' hafna u hafna flus kull xahar, f'ghajnejn il-qorti, dan jiswa' biss bhala ezempju fattwali ta' cirkostanza fejn l-iffrizar tal-assi fl-intier taghhom minghajr ma jkun cirkostritt ghal-perjodu specifiku fil-hajja tal-akkuzat, jista' jissarraf fi sproporzzjon fl-applikazzjoni tieghu izda ma jistghax ikun meqjus bhala raguni ghaliex il-ligi jew l-ordni attakkata ghandhom ikunu meqjusa lezivi tal-jeddijiet fundamentali. Tali decizjoni trid tkun msejsa fuq il-provvedimenti tal-ligi li jsawru l-kwistjoni hawn devoluta;

8. Jemergi ukoll mill-fatti akkwiziti, illi r-rikorrenti gia ghamel talbiet ghar-revoka tal-ordni ta' ffrizar jew b'mod subordinati li jkun jista' jaghmel uzu minn dawn l-assi li ma huma xejn konnessi mar-rejat allegatament kommess minnu[18] u tali talbiet kienu michuda[19]. Ir-raguni ghaliex dawn it-talbiet ma kienux ta' success ghar-rikorrenti hi li l-ordni ta' ffrizar tibqa' fis-sehh sakemm ikunu konkluzi l-proceduri u li din tolqot l-assi kollha tal-akkzuzat minghajr distinzzjoni bejn dawk provenjenti mir-rikavat ta'attivita' kriminali u dawk li mhumhiex;

**L-eccezzjonijiet:**

9. Fir-risposta kongunta taghhom, l-intimati jecipixxu b'mod preliminari illi l-Avukat Generali mhix il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dan in sostenn tal-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u li mis-subartikoli li jsegwu l-Avukat tal-Istat jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunx jistghu jkunu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Kwistjoni simili kienet wisq drabi mistharrga mill-Qrati taghna u tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza **Joseph Abela vs l-Onorevoli Prim'Ministru**[20] li fil-fehma ta' din il-Qorti tiswa' ghar-rizoluzzjoni ta' din l-eccezzjoni: Fiha kien ritentu hekk:

[18] Ara rikors tal-11 ta' Settembru, 2023 a fol 408.
[19] Ara digriet 13 ta' Settembru, 2023 a fol 414
[20] Qorti Kostituzzjonali 7 ta' Dicembru, 1990.

**F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.**

10. Ezaminata fil-kuntest tal-gurisprudenza ricenti hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ghalkemm huwa l-Avukat tal-Istat li jwiegeb ghall-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali, dawk kollha li ghandhom interess fil-kawza jistghu, u f'certi istanzi, ghandhom, ikunu parti mill-kawza. Hekk naraw l-evoluzzjoni ta' sentenzi li jirrigwardaw lezjoni ta' jeddijiet kostituzzjonali u dawk konvenzjonali dwar it-thaddim tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta li jittrattaw dwar kirjiet furzati fejn allura huwa ammess ukoll l-inkwilin tal-fond li l-unika partecipazzjoni tal-inkwilin fl-allegata lezjoni kienet l-okkupazzjoni tal-fond bit-titolu li ttih il-ligi versu l-kanoni tal-kera originarjament miftiehem u b'xi zieda matul iz-zmien u dan ghal-zmien li jghaddi minn generazzjoni ghall-ohra. Fil-kwistjoni in disamina, kienet il-prosekuzzjoni li tallbet l-ordni ta' ffrizar f'kawza ossia kumpilazzjoni li tista' tiressaq biss bl-ordni tal-Avukat Generali. Inoltre kien l-Ufficcju tal-Avukat Generali li oggezzjona u ghamel sottomissjonjiet ghat-talbiet tar-rikorrent ghat-

tneħħija jew varjazzjoni tal-ordni ta' ffrizat u għalhekk certament l-istess Avukat Generali għandha tkun partecipi f'dawn il-proceduri. Għal dawn ir-ragunijet, din l-ewwel eccezzjoni qed tkun michuda;

**Eccezzjoni fil-mertu:**

11. Fit-tieni u t-tielet eccezzjoni tagħhom, l-intimati donnhom jallegaw illi r-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji kollha għad-disposizzjoni tiegħu u dan billi l-artikolu 22A jipprospetta tlett rimedji fis-subartikolu (1) tiegħu u rimedju iehor fis-subartikolu (3). Kwantu r-rimedji li għalihom jagħmlu referenza l-intimati, jista' jingħad minnufih illi dawn huma, fejn applikabbli, ezawriti. Il-Qorti mgħandhiex tinoltra fit-twul dwar dan għaliex qari semplici tas-subartikoli in kwistjoni meta meqjusa mal-fatti juru illi hawn ma jitrattax ta' kredituri *bona fede* u ma saret ebda talba sabiex jitħallsu kredituri għad-dejn generat qabel ix-xilja; kienet milqua talba għat-trasferiment tal-immobbli izda r-rikavat kien minnufh ffizat flimkien mal-assi l-oħra tar-rikorrenti. Kwantu ir-rimedju generali fis-subartikolu (3) dan huwa disponibbli lil dak ir-rikorrenti li għandu l-ħtiega li jitlob għall-varjazzjoni fid-digriet li bih il-Qorti tawtorizzah jippercepixxi somma ta' flus kull sena sabiex hu u l-familja tiegħu ikunu jistgħu jgħixu ħajja dicenti li f'dak iz-zmien kienet ta' <u>mhux aktar</u> minn €13,976.24;

12. Illi kwantu l-kwistjoni ta' l-ezawriment tar-rimedju ordinarju, tqis illi l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk fil-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 46 tagħha:

> (2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-

direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

**Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.**

13. Dan il-proviso, rilfess ukoll fil-Kapitolu 319 artikolu 4(2), kien wisq drabi mertu ta' sentenzi tal-qrati taghna kif ukoll tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) u li kellha din il-Qorti tazzarda tfisser fi ftit kliem is-sustanza ta' dawn is-sentenzi ikollha tghid illi l-obbligu li jkunu l-ewwel ezawriti r-rimedji kollha ordinarji mhuhiex wiehed assolut u li kull kaz irid ikun meqjus fuq il-mertu tieghu ghaliex fih innifsu, dan l-obligu jista' jkun li jarreka dannu kontra min ikun qed ifittex rimedju. Issa, filwaqt illi l-Intimati ccitaw sentenzi favur l-eccezzjoni taghhom ir-Rikorrenti rreplikaw billi cittaw sentenzi fejn dan l-obbligu ma kienx ezawrit u l-eccezzjoni kienet michuda;

14. Fis-sentenza **John Grech et vs Onor Prim Ministru** et deciza fid-29 t'April 2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar, 2014, fost l-elementi mghodija in rassenja bhala linji jurisprudenzjali fil-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji, inghad hekk:[21]

**Meta r-rikorrenti ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li ma ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;**

**Meta r-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedju ordinarju, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.**

[21] QEDB Fourth Sectio . Case 36199/15 tas-17.7.2018 reza finali fis-17.10.2018

15. Fis-sent tal-QEDB fl-ismijiet **Case of Abdilla v Malta** li kienet tirrigwarda kundizzjonijiet fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fejn ir-rikorrenti allega lezjoni tal-jeddijiet fundamentali tieghu meta kien michud minhabba nuqqasijiet ta' facilitajiet sanitarji u ta' sahha u fejn ir-rikorrent naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji, inghad hekk, wara li l-Gvern intimat irrikonoxxa illi l-eccezzjoni mhix wahda daqshekk akkolta mill-qorti:

> **In this respect the Government argued that – although this remedy had previously been rejected by the Court on the grounds that it lacked speed – they insisted that had a request for urgency been lodged it would have been granted if the domestic court had considered the request well founded.**

16. Dik l-eccezzjoni izda kienet michuda bis-segwenti *decide* u l-Qorti prosegwiet bis-smiegh:

> **24. The Court refers to the general principles stemming from its case-law and the assessment of the constitutional redress proceedings it made in *Story and Others v. Malta* (nos. 56854/13, 57005/13 and 57043/13, §§ 72-76 and 82-86, 29 October 2015) and finds no reason to alter the conclusions reached in that case and reiterated recently in *Yanez Pinon and Others v. Malta* (nos. 71645/13 and 2 others, § 76, 19 December 2017) that detainees in situations similar to that of the applicant in the present case were not required to have recourse to constitutional redress proceedings.**
>
> **25. As to the applicant's failure to request a change in cell, the Court reiterates that the cases brought before it, as well as relevant reports of the Committee for the Prevention of Torture ("the CPT"), indicate that the majority of the cells in the Corradino Correctional Facility are of more or less the same quality, particularly those in Divisions 2 and 3 in respect of which urgent refurbishment has been called for by the CPT since 2013. It follows that it has not been shown that the remedy referred to by the Government of requesting a change in cell would have in fact improved the applicant's situation (ibid., § 77). In the specific circumstances of this case, the applicant's failure to request a transfer cannot be held against him for the purposes of the exhaustion requirement.**
>
> **26. The Government's objection is therefore dismissed.**

17. Ezaminata din l-eccezzjoni mill-ottika ta' dawn id-decizjonijiet kif ukoll mill-qari tal-Artikolu 22A, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi r-rikorrenti ghamel dak kollu fis-setgha li ttih il-ligi u ma ghandu ebda triq ghall-revizjoni ta' dawk id-decizjonijiet li jcahduh

mit-talbiet tieghu li jaghmel uzu mill-proprjeta' tieghu ghajr li jistenna l-ezitu tal-proceduri kriminali kontra tieghu sabiex imbaghad jiftah proceduri quddiem il-Qorti Civili biex juri hu li l-proprjeta' minnu rikjamanta ma kellha ebda relazzjoni tar-rejati li jkun wiegeb ghalihom:

> **22Ċ. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d) ta'l-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.**
>
> **(2) Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluživa.**
>
> **(3) Ir-rikorrent għandu b'sustenn għat-talba tiegħu, jeħmeż mar-rikors id-dokumenti kollha li hu jkun jista' jipproduċi u għandu jagħti fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jġib, fejn igħid dwar kull wieħed il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.**

18. Ghalhekk, ghar-ragunijiet moghtija, qed tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-Intimati.

19. Fir-raba eccezzjoni taghhom, l-intimati jallegaw illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli ghaliex fil-kaz odjern ma hemm l-ebda tehid totali minghajr kumpens. *"F'kaz ta' ffrizar u qbid ta' assi hemm kontroll ta' uzu ta' proprjeta'' mhux tehid."* Din l-eccezzjoni tiswa' ghall-kumplament tar-risposta fejn tissemma r-raguni medjanti l-artikolu u l-ordni in kwistjoni fejn jinghad illi l-ffrizar isir bhala mezz ta' kontroll sabiex il-beni mobbli u mmobbli ta' akkuzat ma jisfawx fix-xejn billi jkunu aljenati favur terzi jew xort'ohra likwidati;

20. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk dwar tehid forzuz ta' proprjeta':

> **37. (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun**

**ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –**

**(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;**
**(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u**
**(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:**

**Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.**

**(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –**

**(a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;**
**(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali**

…/….

21. Il-mertu tal-kawza odjerna huwa l-allegat ffrizar tal-assi tar-rikorrenti b'mod illi ma jistghax jaghmel uzu minnhom anke jekk dawn ma kellhom ebda konnessjoni mar-rejat allegat fil-konfront tieghu. Il-kwistjoni hija 'l hinn minn tehid forzuz komunement assocjat ma' tehid ta' proprjeta' mmobbli fl-interess pubbliku minghajr ma jinghata l-kumpens xieraq. L-artikolu 37 ma japplikax ghaliex il-mertu mhux dwar hekk u l-istess artikolu fis-subartikolu (2) tieghu jeskludi l-hdim ta' ligi bi hlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet, bhala penali jew bhala konsegwenza ta' xi proceduri civili jew wara htija ta' reat kriminali. Li ma kienx hekk, dan l-artikolu kien jippresta ruhu ghall-interpretazzjoni li anke meta ssir konfiska bhala penali ghandu xorta wahda jkun hemm kumpens. Ghalhekk tqis illi r-ragunament tar-rikorrenti li dan huwa b'xi mod assocjat ma' tehid forzuz ta' proprjeta' minghajr id-debita kumpens huwa destinat li jfalli;

22. Ir-rikorrenti izda, isejjes ukoll l-ilment tieghu fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea parti mill-ligijiet tal-pajjiz bis-sahha tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:

**ARTIKOLU 1**

**Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni**

23. Ghall ezami tal-ilment odjern mill-ottika ta' dan l-artikolu jehtieg li jinzamm fil-mira illi l-Qorti Istruttorja ffrizat l-proprjeta' kollha tar-rikorrenti b'mod indiskriminat, mobbli u immobbli u naturalment dik futura u li mill-introjtu tieghu jew mir-rikavat ta' xi aljenazzjoni jista' jircievi biss ammont annwali sal-massimu msemmi aktar 'l fuq. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, u sal-punt li waslu dawn il-konsiderazzjonijiet, fid-decizzjoni tieghu l-Istruttur, u matul il-proceduri, l-Imhallef, waqt li l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Generali u issa li l-kawza tinsab pendenti quddiem il-Qorti Kriminali, d-decizzjoni ma hi xejn hlief riflessjoni tal-ligi attakata ghaliex ma tippermettix aktar minn hekk, u dak hu li fil-fatt qed ikun ikkontestat;

24. Ghall-ahjar intendiment tajjeb li jinzamm ukoll fil-mira f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' reat bhal dak addebitat lir-rikorrenti, il-Qorti, b'zieda mal-piena ghandha tornda l-konfiska favur il-Gvern tal-Malta tal-assi kollha mobbli u immobbli tal-hati u dan bis-sahha tad-disposizzjonijet tal-Kapitolu 101 li qed ikunu hawn riprodotti:

**22 - (3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja ikun xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1) il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –**

**…./….**

**(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta**

**……….**

**24A(1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata"):**

**(a) tkun ħatja ta' bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew**

**(b) tkun ħatja ta' xi reat imsemmi fl-artikolu 22(1)(e) jew (f), jew**

**……….**

**22 (1)**

**…./….**

**(f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-**

**disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni**

25. Minn ezami ta′ dawn il-provvedimenti, u xi uhud ohra konnessi izda mhux hawn riprodotti, jemergi is-segwenti xenarju. Meta persuna titressaq quddiem il-Qorti b′imputazzjonijiet bhal dik odjerna, jigifieri ta′ assocjazzjoni ma′ persuni sabiex ibigh jew jittrafika medicina projbita mill-Ordinanza Kap 101, tkun minn dak il-hin soggetta ghall-konfiska tal-proprjeta′ kollha taghha mobbli jew immobbli f′kaz li tinsab hatja. Issa, l-modalita′ tal-procedura titlob li l-persuna l-ewwel titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u hemm tista′ ssir it-talba ghall-iffrizar tal-proprjeta, kif sar f′dan il-kaz, liema propjreta, f′kaz ta′ sejbien ta′ htija ghandha tkun konfiskata **b′zieda mal-piena erogabbli.**

26. Fis-sentenza tal-QEDB **Shorazova vs Malta**[22] f′kawza dwar ordni ta′ ffrizar emergenti mill-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta′ Malta, kien osservat minn din il-Qorti *inter alia*:

> 115. The Court reiterates that while the fact that freezing orders ara made without notice being served on the accused or the other persons affected by them does not in itself raise an issue in terms of safeguards, given the one-sidedness of the proceedings, the freezing order's potentially far-reaching consequences, and the fact that it takes effect immediately (according to Maltese law – see Article 22A 2 (a) of the Dangerous Drugs Ordinance, paragraph 80 above), careful consideration of the requests for such orders is called for in each individual case (see, *mutatis mutandis*, *Apostolovi*, cited above, § 98).
>
> …./….
>
> 118. The Court further notes that the entirety of the applicant's assets held in Malta were frozen, and continued to be so, for nearly eight years. The only

[22] Application 51853/19 deciza 3.3.2022 u reza Finali 3.6.22

variations made by the domestic court (under Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance) during that period, were of little significance since they did not lift the freezing order over any of the property. Save for the authorisation to make certain payments, they solely allowed for limited use and transfers of some of the property which was and remained affected by the freezing order. The relevant proceeds obtained from such transactions were also to be affected by the order (see paragraph 43 above) (see, *a contrario*, *Karahasanoğlu,* cited above, § 153). The remaining requests, as accepted by the Government, were rejected. Thus, the order remained far-reaching, despite the absence of any assessment as to any correlation to the 'charges' pending against the applicant (see paragraph 114 above), even assuming they were genuine and based on a persistent reasonable suspicion.

27. F'dik il-kawza, il-Qorti sabet ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol f'cirkostanzi fejn sehhet ordni ta' ffrizar ghal-perjodu twil ta' tmien snin minghajr ma intlaghu talbiet ghall-varjazzjoni ghajr ghal xi bejgh ta' beni li rrikavat taghhom jkun xorta wahda ffrizat mal-beni l-ohra. Kien ritenut ukoll nuqqas ta' proporzjonalita' bejn il-valur jew ammont ta' assi ffrizati a paragun tal-allegat rikavat mill-attivita' kriminuza. Dak izda kien kaz li jirrigwarda r-reat ta' *money laundering* fejn hu desumibbli l-ammont ta' rikavat jew il-beneficcju percepit mill-attivita' kriminuza u allura ghandu jkun kwantifikabbli. Fil-kaz odjern, izda, l-ordni ta' ffrizar hija mposta bhala prekawzjoni intiza biex ma thallix li l-assi jkunu aljenati jew mod iehor likwidati f'cirkostanza fejn sejbien ta' htija ghandha b'mod tassattiv twassal ghall-konfiska tal-assi kollha tal-hati.

28. Illi minkejja emendi fil-Kapitolu 101[23] li dahhlu fis-sehh il-jedd ta' appell minn dawn l-ordnijiet u dawk dwar il-Kapitolu 621 (Att Dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita)[24], il-*quid juris* baqghet tista'

[23] Att IV tal-2014
[24] Att VI tal-2024

tghid l-istess dwar il-konfiska tal-beni kollha minghajr distinzzjoni fil-kaz ta' sejbien ta' htija. Ghalhekk il-Qorti tirraviza distinzjoni bejn dawk ic-cirkostanzi fejn issehh ordni ta' ffrizar bhala kawtela ghall-konfiska tal-assi fl-istess valur tar-rikavat mill-att kriminuz u dik fejn l-ordni ssehh bhala mezz ta' preservazzjoni fil-kaz li tinsab htija fejn allura l-assi kollha ghandhom b'mod tassattiv u bhala zieda mal-piena, jkunu konfiskati. Huwa bil-wisq evidenti l-intenzjoni tal-legislatur li fejn si tratta ta' ksur f'aspetti partikolari tal-Ordinanza Kap 101, u dan il-kaz ta' assocjazzjoni huwa wiehed minnhom, irid li l-glieda kontra t-traffikar ta' droga tkun kombattuta bil-mod li sejbien ta' htija tkun tfisser mhux biss piena ta' inkarcerazzjoni u multa izda ukoll telfien tal-beni kollha tal-hati minghajr distinzjoni temporali tal-provenjenza;

29. Issa, r-rikorrenti iressaq l-argument fis-sottomissjoni tal-abbli difensur tieghu, illi l-prosekuzzjoni *ex admissis* ma kkwantifikatx il-valur tar-rikavat mill-allegat reat. Din is-sottomissjoni, izda, ma tiswiez ghall-kwistjoni odjerna ghaliex ir-reat ta' assocjazzjoni kif ravvizat fl-artikoli citati *supra* ma jikkorrispondi ghall-ebda kwantita partikolari jew valur partikolari ta' medicina perikoluza u huwa marbut biss mal-fatt li wiehed jassocja ruhu b'dik l-intenzjoni kriminuza:

> **22 (1A) L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.[25]**

[25] Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

30. Illi minkejja dan, u wara ezami tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Sebastian Dalli vs Avukat Generali et**[26] in-nuqqas ta' possibilita' li persuna akkuzata tottjeni rimedju ta' temperament ta' ordni ta' ffrizat anke ghall-ragunijiet umanitarji bhal f'dan il-kaz, hija tassew mizura sproporzjonata. Ghad illi llum hemm jedd ta' revizjoni, sia l-ewwel Qorti kif ukoll dik ta' revizjoni xorta wahda ma jistghu jatghu ebda soljev ghaliex anke jekk il-mizura hija wahda, kif deskritta matul dan il-process, temporanja, xorta wahda hija intiza biex tipprezerva l-assi li eventwalment ghandhom ikunu konfiskati fl-intier taghhom **<u>jekk</u>** tinsab htija. Il-kaz in disamina huwa ezempju car ta' fejn akkuzat illikwida proprjeta' moghtija lilu b'titolu ta' donazzjoni mill-genituri tieghu li *prima facie* hija provenjenti mill-beni taghhom li jmur lura fiz-zmien u li l-akkuzat irid juza r-rikavat taghha biex jikkura lill-martu. In-nuqqas ta' din id-diskrezzjoni ghandu jitqies wiehed sproporzjonat u leziv tal-jedd fundamentali kif sancit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni . Ghalhekk il-ligi ghandha taghti din id-diskrezzjoni lil Qorti u kull kaz ikun deciz fuq il-mertu tieghu. Sta imbaghad ghall-legislatur sabiex jibni fil-ligi mizuri sabiex jevita li jsir abbuz. Il-glieda kontra l-kriminalita' u b'mod partikolari f'dan il-kaz, kontra t-trafikkar tad-droga, timmerita kull zforz maghmul mill-Awtoritajiet u hekk ghandu jkun. Kif gia inghad, l-intenzjoni tal-legislatur hija wahda cara izda, l-proporzjonalita' hija mizura li ma tistax tkun imwarrba;

31. Dan ma ghandu bl-ebda mod jiftiehem jew jaghti ghax wiehed jahseb li din il-Qorti qed tissolecita li ghandu jkun hemm

[26] 30 ta' Novembru, 2022

tnaqqis fil-pieni jew il-konsegwenzjali tal-pieni bhal f'dan il-kaz, izda biss li ghandu jkun hemm l-opportunita' li persuna tirrikorri ghall-tibdil f'ordni ta' ffrizar ghar-ragunijiet partikolari, li tkun tista' tressaq prova dwarha u li tkun il-Qorti li jkollha s-setgha tiddeciedi jekk takkordax dak it-tibdil u jekk il-proprjeta' msejha ghall-varjazzjoni ghandhiex, wara kollox, tkun rilaxxata ghal-dak il-ghan. Wara kollox ir-rikors odjern mhux dwar il-piena jew il-konfiska flimkien mal-piena erogabbli.

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, wara l-konsiderazzjonijiet maghmula, taqta u tiddeciedi billi:**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;**
2. **Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati;**
3. **Tilqa ir-raba' eccezzjoni tal-intimati u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra taghhom;**
4. **Tilqa' l-ewwel tal-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li sofra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu kif sancit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-konvenzjoni (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta);**
5. **Tichad it-tieni talba tar-rikorrenti billi ma sofra ebda lezjoni tal-jedd ravvizat fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**
6. **Tichad it-tieni talba tieghu ghall-annullament tal-Ordni ta' ffrizar;**
7. **Tichad ir-raba' talba b'dan illi tidderigi lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti Istruttorja f'kaz li l-atti jkunu hekk rinvjati f'cirkostanzi li trid l-ligi <u>tikkunsidra it-talba tieghu</u> sabiex ir-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta' konsistenti f'maisonette bin-**

**numru ufficcjali 105, qabel 87, Reyosa, first floor level fi Vjal il-Haddiem, gia Nigret Road, Rabat kif ukoll in nofs indiviz tal-garaxx sitwat fil-livell bhala basement level, bin numru ufficcjali 101, qabel 89 fi Vjal il-Haddiem, bia Nigret Road, Rabat, Malta kif deskritti in atti Nutar Jean Paul Farrugia 27.5.2013 u in atti Nutar Liza Schembri 8.11.2023, ikun disponibbli ghall-kura ta' martu wara d-debita cerjorazzjoni u d-debita prova tal-provenjenza u suggett ghall-kull kondizzjoni li l-Qorti Kriminali jew l-Qorti Istruttorja skond il-kaz, tista' timponi biex tassigura kontabilita' u dan wara r-rikors opportune ;**

8. **Stante li ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tillikwida danni, tichad ir-rimarrenti talbiet.**
9. **L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat Avukat tal-Istat.**

__________________________

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

__________________________

Nicole Cini

Deputat Reġistratur